Kelmtejn mis-Surmast Direttur (2009)

# Quċċija

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dan l-artiklu huwa wieħed minn sensiela ta' kitbiet li jġibu l-isem ta' 'Kelmtejn mis-Surmast Direttur'. L-għan tagħhom huwa li, jinfurmaw u/jew jedukaw lil dawk is-soċi li huma membri fi ħdan l-istess għaqda, xirka, soċjetà, assoċjazzjoni, unjoni, jew klabb mużikali, u b'mod aktar ġenerali, lil dawk li jiffrekwentaw il-każini tal-banda, jew sempliċiment għax huma dilettanti tal-festi maltin. Il-messaġġ tas-surmast direttur, flimkien ma' oħrajn miktubin minn xi membri tal-kumitat u l-kappillan tar-raħal, tkun bil-wisq mistennija fil-ktieb li joħroġ għall-festa sena wara l-oħra.

Kliem muftieħ: Quċċija, Festa San Ġiljan, Kunsill Lokali San Ġiljan, Banda 'San Ġiljan' San Ġiljan.

Dari, meta tarbija kienet tagħlaq sena. Kienu jagħmlulha l-quċċija. Kien waqt ir-riċeviment tal-festa tas-sena l-oħra li, il-Viċi-President Ġużi Cassar nebbaħni b'dan, għaliex din hija t-tieni darba li qed nikteb dawn il-kelmtejn tal-okkażjoni bħala Surmast Direttur tal-Banda San Ġiljan, u għalhekk, dan ifisser li, mis-sena l-oħra 'l hawn ġa għaddiet sena!

Il-quċċija kienet tkun bħallikieku logħba li tbassar ix-xejra li tieħu l-ħajja tat-tarbija fil-ġejjieni. Kienu jqegħdu kannestru fl-art mimli b'xi oġġetti marbutin ma' xi sengħa, xogħol jew okkupazzjoni partikolari, imbagħad kienu jitilqu lit-tarbija timxi mbé fl-art sa ma tasal ħdejn il-kannestru, u l-ewwel ħaġa li tiġi f'idha tkun dik li turi s-sejħa tal-futur. Jekk it-tarbija tkun tifel, allura kienu jlestu għodod ta' snajja differenti, jew oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-kitba, anki oġġetti marbutin ma' ħajja reliġjuża, jew xi biċċa flus (negozju), saħansitra xi xabla tal-injam (suldat) jew għamla ta' dgħajsa (baħħâr)! Jekk imbagħad, it-tarbija tkun tifla, wieħed jista' jimmaġina x'jista' jitwaddab fil-kannestru. Wara kollox, fid-dinja tallum, mhux daqstant importanti jekk it-tarbija tkunx tifel jew tifla meta niġu għall-kannestru, imma żgur ikun inutli jekk twaddab għodda tan-newl, tal-ħjata, jew tar-rakkmu, xi kobba, imqass, jew rukkell, xi għodda tat-tisjir, u agħar minn hekk, xi ġbejna, xi pupa jew xi bajda (fertilità)! Fil-kannestru ta' żmienna jkun aħjar jekk twaddab oġġetti tal-isport, mużika, fotografija, elettronika, tal-kompjuter, politika, professjonijiet, u x'naf jien.

Sa minn ċkuniti kont dejjem inħobb nivvinta u nagħmel. Mhux ta' b'xejn għalhekk li, l-aspirazzjonijiet tiegħi fir-rigward tal-Banda San Ġiljan huma kbar ħafna. Irrid naraha miexja 'l quddiem u tnaqqax isimha b'ittri kbari, mhux biss fil-qlub tal-Ġiljaniżi, imma wkoll fid-dinja bandistika ta' pajjiżna. F'Malta u Għawdex hawn talent bir-radam fost il-bandisti, u kulma trid huwa, moħħ li jaf xi jrid għax mgħallem, u id li taf tmexxi għaxx tħoss għalbiex tikseb l-aqwa riżultati mużikali. U r-riżultati ġa bdew jitkellmu weħidhom. Minn kemm ilni li nħtart Surmast Direttur ta' din il-Banda f'Jannar tal-2008 rajna bidu ġdid hekk msejjaħ rinaxximentali, u bdejna pass pass, anke jekk ftit imgħaġġel, għax imbuttat dejjem minn din il-ħeġġa u l-lehma artistika, mexjin lejn epoka aktar matura. Fil-fatt, f'temp ta' sena u nofs ġa tellajna nofs tużżana kunċerti, uħud minnhom saħansitra bis-sehem ta' solisti stabbiliti u oħrajn b'talent ġdid għadu żagħżugħ imma promettenti. Bid-debutt tiegħi mal-Banda San Ġiljan fil-Kunċert Annwali tas-sena l-oħra, il-qabża fil-kwalità kienet waħda netta, u dlonk infirxet il-fehma li, il-livell tagħha ser ikun iħabbatha mal-aqwa baned li għandna fil-pajjiż.

Inkun qed nonqos jekk, qabel ma nagħlaq ma nirrgrazzjax lil kulħadd, nibda mill-President u l-kumitat ħabrieki kollu, lill-Kunsill Lokali San Ġiljan tas-support kostanti tiegħu, lil min jisponserjana għax fina qed jara prodott li qed jirnexxi, lill-ġenituri li b'sagrifiċċju, iġibu lil uliedhom għax jemmnu li qed noffru tagħlim tajjeb tal-mużika, lill-*helpers* kollha, u spiċċa sa mill-inqas tintufa li tkompli tgħin għalbiex il-Banda tagħna nkunu nistgħu nnaqqxulha isimha fl-annali tal-istorja bandistika ta' pajjiżna.

Il-festa t-tajba lill-Ġiljaniżi kollha.